

Emenda 1

Marie-Christine Vergiat, Inês Cristina Zuber, Willy Meyer, Jacky Hénin, Patrick Le Hyaric, Lothar Bisky, Younous Omarjee
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A7-0035/2012

Luigi Berlinguer

Il-proċess ta' Bolonja
2011/2180(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni (Artikolu 157(4) tar-Regoli ta' Proċedura) li tissostitwixxi l-mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva A7-0035/2012

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-kontribut tal-istituzzjonijiet Ewropej għall-konsolidazzjoni u l-progress tal-Proċess ta' Bolonja

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari l-Artikolu 26 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Sorbonne dwar l-armonizzazzjoni u t-tfassil tas-sistema Ewropea tal-edukazzjoni għolja, iffirmata fil-25 ta' Mejju 1998 f'Pariġi mill-erba' ministri responsabbli minn dan il-qasam għal Franza, il-Ġermanja, l-Italja u r-Renju Unit (id-Dikjarazzjoni ta' Sorbonne)¹,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta ta' Bolonja iffirmata fid-19 ta' Ġunju 1999 mill-Ministri tal-Edukazzjoni minn 29 pajjiż Ewropew (id-Dikjarazzjoni ta' Bolonja)²,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni maħruġa mill-Konferenza tal-Ministri responsabbli għall-edukazzjoni għolja fid-19 ta' Mejju 2011 fi Praga,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni maħruġa mill-Konferenza tal-Ministri responsabbli għall-Edukazzjoni Għolja fit-28 u d-29 ta' April 2009 f'Leuven u f'Louvain-la-Neuve³,

¹ http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/SORBONNE_DECLARATION1.pdf.

² http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/BOLOGNA_DECLARATION1.pdf.

³ http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/Leuven_Louvain-la-Neuve_Communicu%C3%A9_April_2009.pdf.

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Budapest-Vjenna tat-12 ta' Marzu 2010 adottata mill-Ministri tal-Edukazzjoni ta' 47 pajjiż, li uffiċjalment nidiet iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA)¹,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonnoxximent tal-kwalifiki professjonali²,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 biex jiġi faċilitat il-ħruġ mill-Istati Membri ta' viżi għal waqfiet qosra uniformi għal riċerkaturi minn pajjiżi terzi li jkunu qed jivvjaġġaw fil-Komunità bil-għan li jagħmlu riċerka xjentifika³,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar iktar kooperazzjoni Ewropea fl-assigurazzjoni tal-kwalità tal-edukazzjoni oghla⁴,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja⁵,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ('ET 2020')⁶,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2009 dwar l-iżviluppar tar-rwol tal-edukazzjoni fi trijanglu tal-għarfien li jiffunzjona kompletament⁷,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 dwar l-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja⁸,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiċi sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel⁹,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 bit-titlu "Żgħażaġħ f'Moviment – il-promozzjoni tal-mobbiltà fit-tagħlim taż-żgħażaġh"¹⁰,
- wara li kkunsidra r-rapport bit-titlu "L-Edukazzjoni Għolja fl-Ewropa 2009: Żviluppi fil-Proċess ta' Bolonja" (Eurydice, Kummissjoni Ewropea, 2009)¹¹,

¹ http://www.ehea.info/Uploads/Declarations/Budapest-Vienna_Declaration.pdf.

² ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22, Rettifika ĠU L 271, 16.10.2007, p. 18, Rettifika ĠU L 93, 4.4.2008, p. 28.

³ ĠU L 289, 3.11.2005, p. 23.

⁴ ĠU L 64 du 4.3.2006, p. 60.

⁵ ĠU C 111, 6.5.2008, p. 1.

⁶ ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.

⁷ ĠU C 302, 12.12.2009, p. 3.

⁸ ĠU C 135, 26.5.2010, p. 12.

⁹ ĠU C 191, 1.7.2011, p. 1.

¹⁰ ĠU C 199, 7.7.2011, p. 1.

¹¹ http://eacea.ec.europa.eu/education/eurydice/documents/thematic_reports/099FR.pdf.

- wara li kkunsidra r-rapport bit-titlu 'Fokus fuq l-Edukazzjoni Għolja fl-Ewropa 2010: l-Impatt tal-Proċess ta' Bolonja' (Eurydice, Kummissjoni Ewropea, 2010)¹,
 - wara li kkunsidra l-istħarriġ tal-2007 tal-Ewrobarometru dwar ir-riforma fl-edukazzjoni għolja fost l-ġhalliema professjonisti²,
 - wara li kkunsidra l-istħarriġ tal-2009 tal-Ewrobarometru dwar ir-riforma fl-edukazzjoni għolja fost l-istudenti³,
 - wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-Eurostat tas-16 ta' April 2009 bit-titlu "Il-Proċess ta' Bolonja fl-Edukazzjoni Għolja fl-Ewropa – Indikaturi ewlenin dwar id-dimensjoni soċjali u l-mobilità"⁴,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Settembru 2008 dwar il-Proċess ta' Bologna u l-mobbiltà tal-istudenti⁵,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-oġettivi tal-proċess ta' Bologna, b'mod partikolari – sew jekk għall-iffaċilitar li wieħed imur minn pajjiż għal ieħor għal raġunijiet ta' studju jew xogħol, sew jekk għall-attraenza tal-edukazzjoni għolja Ewropea li qed tiżdied b'tali mod li numru kbir ta' persuni minn pajjiżi mhux Ewropej qed jiġu xorta waħda biex jistudjaw u/jew jaħdmu fl-Ewropa, sew jekk iż-Żona Ewropea tal-edukazzjoni għolja toffri lill-Ewropa bażi solida ta' għarfien avanzat ħafna ta' kwalità għolja u tiżgura li l-Ewropa tiżviluppa kemm bħala komunità paċifika kif ukoll bħala waħda tolleranti – jibqgħu attwali, imma li hemm bżonn ta' evalwazzjoni u bilanċ sabiex jiġu osservati s-suċċessi u l-fallimenti fl-oġettivi segwiti;
- B. billi l-istabbilimenti tal-edukazzjoni għolja għandhom rwol essenzjali għat-taħriġ tal-individwi; billi r-rwol tal-edukazzjoni għolja huwa li tipprovdi ambjent ta' taġġim, miftuħ għal kulħadd mingħajr diskriminazzjoni, li jippromwovi l-awtonomija, il-kreattività u l-valorizzazzjoni tal-għarfien;
- C. billi l-università hija aspett ewleni tal-wirt, li issa laħaq kważi l-elf sena, li l-importanza tagħha għall-progress fis-soċjetà ma tistax tiġi ridotta għall-kontribut tagħha lill-ekonomija, u li l-iżvilupp tagħha ma jistax ikun kontinġenti biss fuq il-ħtiġijiet ekonomiċi;
- D. billi d-dritt għall-edukazzjoni hu valur fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u billi hi r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiżguraw li dak il-valur jitpoġġa fil-prattika;
- E. billi l-Unjoni Ewropea għanda rwol importanti fl-istabbiliment taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja billi tappoġġja l-isforzi u l-kooperazzjoni tal-Istati Membri f'dan il-qasam;

¹ http://eacea.ec.europa.eu/education/eurydice/documents/thematic_reports/122FR.pdf.

² http://ec.europa.eu/public_opinion/flash/fl198_en.pdf.

³ http://ec.europa.eu/public_opinion/flash/fl_260_en.pdf.

⁴ http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-78-09-653/EN/KS-78-09-653-EN.PDF.

⁵ ĠU C 8 E, 14.1.2010, p. 18.

- F. billi l-istruttura fuq tliet livelli ġiet adottata mill-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-Proċess ta' Bolonja; billi din wasslet għal professjonalizzazzjoni rapida u l-kompetizzjoni bejn it-tagħlim kif ukoll ir-rieda ta' adattament għall-bżonnijiet immedjati tas-"suq" għad-detriment tal-għarfien; billi din ma ppermettix li jiġi ffaċilitat id-dħul tal-iggradwati fid-dinja tax-xogħol sabiex isibu impjiegi stabbli; billi l-kwalità tat-tagħlim u r-riċerka ġew milquta serjament minn din ir-riforma;
- G. billi l-qgħad fost iż-żgħażaġh qed ikompli jikber u billi l-maġġoranza taż-żgħażaġh inklużi l-iggradwati ta' edukazzjoni għolja jridu jgħaddu, qabel ma jaċċedu għal impjieg stabbli, minn imblokk ta' prekarjetà ta' diversi xhur jew snin, perjodu li matulu jimmultiplikaw l-apprendistati u l-impjiegi prekarji jew li jkunu taħt il-livell tal-kwalifiki tagħhom;
- H. billi l-mobbiltà għandha tkun aċċessibbli għal kulħadd u hija tikkostitwixxi wieħed mill-oġġettivi stabbiliti mir-riforma tal-edukazzjoni għolja; billi għad hemm ostakoli sinifikanti għall-mobbiltà, f'termini ta' drittijiet soċjali, ta' kapaċitajiet finanzjarja tal-individwi kkonċernati u ta' sterjotipi soċjokulturali, u dan jirriżulta fil-fatt li attwalment 2% tal-istudenti biss jistgħu japprofittaw mill-mobbiltà;
- I. billi l-prattika li t-tagħlim ikun disponibbli għall-massa trid tissaħħaħ sabiex jittaffew il-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-istudenti u l-persunal tat-tagħlim u dak amministrattiv;
- J. billi wieħed mill-kompiti importanti tal-università hu li tipprovdi lill-iggradwati b'impjieg stabbli u mħallas sew;
1. Jenfasizza li l-edukazzjoni, inkluża l-edukazzjoni għolja, għandha tikkostitwixxi servizz pubbliku li jiffavorixxi l-kultura, id-diversità u l-valuri demokratiċi, li jipprepara l-istudenti biex isiru ċittadini attivi u jippermetti l-emanċipazzjoni individwali u kollettiva; jirrikonoxxi l-importanza kbira tal-edukazzjoni għolja għall-iżvilupp ta' kull pajjiż u tas-soċjetà fit-totalità tagħha;
 2. Ifakkar li l-edukazzjoni taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u li huwa importanti li jiġu appoġġati finanzjarjament l-istabbilimenti ta' edukazzjoni għolja permezz ta' donazzjonijiet pubbliċi suffiċjenti li jissodisfaw il-bżonnijiet tal-pubbliku;
 3. Jenfasizza l-fatt li waħda mill-prijoritajiet stabbiliti fil-Proċess ta' Bolonja hija l-garanzija li kull student li jinkiteb f'università Ewropea jkollu l-possibbiltà li jikseb diploma li tkun rikonoxxuta f'kull Stat li qed jipparteċipa fil-proċess; jikkonstata li dawn l-oġġettivi s'issa għadhom ma nkisbux u li l-implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja u tar-riformi li jakkumpanjawha pjuttost inkoraġġixxiet il-kompetizzjoni u il-ħolqien ta' ġerarkija bejn il-kwalifiki u l-istabbilimenti, l-istabbiliment ta' edukazzjoni b'veloċitajiet differenti kif ukoll l-esklużjoni ta' ċerti studenti;
 4. Jikkonstata li fil-pajjiżi fejn il-Proċess ta' Bolonja ġie implimentat, kien hemm tnaqqis ġenerali fil-livell ta' rappreżentanza tal-komunità universitarja fl-entitajiet ta' ġestjoni, b'mod partikolari tal-istudenti, għall-benefiċċju ta' atturi ekonomiċi, b'mod partikolari l-impriżi l-kbar;
 5. Jitlob evalwazzjoni u bilanċ globali tal-Proċess ta' Bolonja sabiex jiġu determinati r-

riżultati pożittivi u negattivi fir-rigward tal-oġġettivi stabbiliti minnu; jenfasizza n-neċessità li jitqiesu l-problemi, l-imblokki u n-nuqqas ta' fehim iffaċċjati, ukoll mill-universitajiet u l-professjonisti akkademiċi, sabiex tiġi żviluppata edukazzjoni ta' kwalità u aċċessibbli għal kulħadd;

6. Jiddeplora l-fatt li l-krediti, fis-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS), huma mfassla bħala medda ta' hilitet ġenerali li jissodisfaw biss il-ħtiġijiet tas-suq filwaqt li, għall-kuntrarju ta' dan, dawn għandhom jippermettu lill-istudenti japprofondixxu l-għarfien tagħhom fis-suġġetti magħżula minnhom;
7. Jieħu nota tat-“tielet missjoni” li l-universitajiet iwettqu fir-rigward tas-soċjetà; jenfasizza li din il-missjoni ma għandhiex titwettaq għad-detriment tal-istabbilimenti ta' edukazzjoni u ta' riċerka, li ħafna drabi huma meħtieġa jħallsu l-ispejjeż ta' ġestjoni numerużi marbuta mal-kummerċjalizzazzjoni ta' attivitajiet ta' riċerka, u jitlob li d-dħul iġġenerat permezz ta' dawn l-attivitajiet mill-istabbilimenti jiġi allokat lid-dimensjoni soċjali tat-tagħlim;
8. Ifakkar li l-baġits għall-edukazzjoni huma investiment għall-futur; jopponi, konsegwentement, it-tnaqqis kbir fil-baġit fil-qasam tal-edukazzjoni minn diversi Stati Membri kif ukoll iż-żieda kostanti fil-miżati tal-iskejjel, li jwasslu għal żieda enormi fl-għadd ta' studenti vulnerabbli u li jkollhom id-dejn, u li jkollhom jirrikorru għal impjeg bi ħlas biex jiffinanzjaw l-istudji tagħhom; iqis li dawn l-iżviluppi għandhom impatt negattiv fuq it-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u jfakkar fil-ħtieġa għal fondi pubbliċi adegwati għall-universitajiet sabiex iwettqu l-missjonijiet tagħhom;
9. Jenfasizza l-importanza tat-tisħiħ ta' miżuri intiżi li jiggwarantixxu l-kundizzjonijiet ta' aċċess għal edukazzjoni għolja, għal karrieri u għal impjegi għal kulħadd u dan, mingħajr ebda diskriminazzjoni; jenfasizza l-fatt li dan huwa possibbli biss fil-kuntest ta' edukazzjoni għolja pubblika, bla ħlas u sekulari;
10. Jitlob lill-Istati Membri, f'dan il-perjodu ta' kriżi ekonomika u soċjali, li jiffriżaw l-ispejjeż ta' reġistrazzjoni sabiex jiġi evitat li dawn jikkostitwixxu ostakoli addizzjonali għall-aċċess għall-edukazzjoni għolja għall-maġġoranza tan-nies; jitlob lill-Unjoni u lill-Istati Membri jżidu l-baġits tal-edukazzjoni tagħhom fil-qasam tal-edukazzjoni, b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna l-boroż ta' studju u l-għotjiet;
11. Jinsab imħasseb dwar is-sitwazzjoni tal-istudenti li ġejjin minn pajjiż terzi, li ħafna drabi hija partikolarment prekarja matul u wara l-istudji tagħhom; jenfasizza l-fatt li l-element "attraenti" tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa jinsab ukoll fil-kapaċitajiet ta' akkoljiment ta' dawn l-istudenti, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom; jitlob, konsegwentement, lill-Istati Membri jniedu proċessi ta' regolarizzazzjoni għall-istudenti kollha rreġistrati fl-universitajiet;
12. Jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw il-possibbiltà li joħolqu statut soċjali speċifiku għaż-żgħażaġh sabiex tiġi garantita l-awtonomija tagħhom (aċċess għall-akkomodazzjoni, kapaċità li jieħdu ħsieb tagħhom infushom, aċċess għall-isport, għall-kultura u għall-attivitajiet rikreattivi) u jistabbilixxu sistemi ta' għotjiet, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh li qed jistudjaw jew li qed ifittxu l-ewwel impjeg;

13. Jistieden lill-Unjoni, lill-Istati Membri u lill-universitajiet jippromwovu t-tnedija ta' programmi ta' skambji għall-maġġoranza tan-nies billi jistabbilixxu mekkaniżmi ta' informazzjoni u ta' appoġġ finanzjarju u amministrattiv għall-istudenti, l-akkademiċi u l-persunal kollha sabiex irawmu flussi ta' mobbiltà strutturati u billi jsaħħu dawn il-programmi permezz ta' finanzjament imtejjeb u mfassal fuq il-bażi ta' kriterji soċjali;
14. Jitlob li tingħata attenzjoni partikulari lill-problemi speċifiċi marbuta tal-kurrikuli ta' studji umanistiċi; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi involuta l-komunità akkademika kollha kemm hi, b'mod partikolari l-istudenti, l-għalliema u r-riċerkaturi fl-istabbiliment tal-istadji tal-edukazzjoni universitarja;
15. Jopponi l-"alleanzi tal-għarfien" u l-"alleanzi tal-kompetenzi settorjali" li fi hdnhom l-istabbiliment ta' edukazzjoni għolja u l-impriżi jistabbilixxu programmi komuni "sabiex jipprevjenu nuqqasijiet ta' kompetenzi"; jenfasizza l-fatt li dawn il-programmi jwasslu għal tisħiħ tal-professjonalizzazzjoni rapida tat-tagħlim, is-subordinazzjoni tagħhom għall-interessi tal-impriżi l-kbar u t-tnaqqis tal-edukazzjoni minħabba l-aspett kummerċjali tagħhom;
16. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtiġijiet partikulari marbuta mal-grad tal-B.A., fir-rigward tal-kurrikuli tiegħu u l-impjegabbiltà li dan joffri; jenfasizza f'dan ir-rigward il-ħtieġa ta' azzjonijiet speċifiċi u kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-universitajiet, l-Istat u l-organizzazzjonijiet lokali u soċjali sabiex jittejjbu l-prospettivi għall-iggradwati tal-ġejjieni biex isibu xogħol stabbli u mħallas sew li jikkorrispondu mal-livell tal-kwalifiki tagħhom;
17. Jenfasizza n-neċessità li tiġi konservata d-diversità tal-korsijiet, tat-tagħlim, tal-metodi ta' studju u tas-sistemi universitarji fi hdn l-Unjoni Ewropea; iqis li hemm bżonn li tinżamm il-kompożizzjoni nazzjonali tad-diplomi għal dan l-għan filwaqt li jiġi promoss ir-rikonossiment reċiproku tad-diplomi u tal-kwalifiki bejn l-Istati Membri;
18. Jinsisti fuq il-fatt li l-istabbilimenti ta' edukazzjoni għolja għandu jkollhom rwol prinċipali fl-iżgurar ta' karrieri professjonali, billi jippermettu r-ritorn għat-tagħlim għall-impjegati li se jitiflu l-impjieg tagħhom jew li se jispiċċalhom il-kuntratt ta' xogħol u billi jiffavorixxu mobbiltà volontarja u l-promozzjoni professjonali lejn impjiegi stabbli u mħallsa sew;
19. Jopponi l-inizjattiva tal-Kummissjoni intiża sabiex jitniedi strument multidimensjonali ta' klassifikazzjoni tal-istabbilimenti ta' edukazzjoni għolja fid-dawl tal-fatt li dan ma jiħux kont tad-diversità tal-korsijiet u t-tagħlim u d-diversità lingwistika fil-pubblikazzjonijiet universitarji; iqis li dan it-tip ta' klassifikazzjoni jgħib miegħu riskju ta' kompetizzjoni bejn l-istabbilimenti u t-tagħlim; jenfasizza l-bżonn ta' kooperazzjoni bejn l-istabbilimenti ffokati fuq l-iskambju u l-valorizzazzjoni tal-għarfien u tar-riċerka;
20. Jistieden l-Istati Membri u l-istabbilimenti ta' edukazzjoni għolja joħolqu programmi ġodda ta' kooperazzjoni u ta' riċerka bbażati fuq l-interessi reċiproċi li huma jikkondividu mal-istabbilimenti ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk li jinsabu f'żoni ta' kunflitt, sabiex jippermettu l-aċċess għall-edukazzjoni għolja u għat-taħriġ tal-istudenti tagħhom, u dan, mingħajr ebda diskriminazzjoni; jissuġġerixxi b'mod partikolari l-ħolqien ta' sħubiji bejn l-universitajiet tal-Unjoni u l-universitajiet Palestinjani; jitlob lill-Kummissjoni tappoġġa dan it-tip ta' programmi;

o
o o

21. Jagħti iŕtruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

Or. fr